MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Rikors Generali Numru. 15/2010

**A B**

**-vs-**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti kellu relazzjoni mal-intimata u minn din ir-relazzjoni twieled tarbija F G E B fil-15 ta' Settembru 2009, u llum it-tarbija ghandu cittadinanza Maltija;

Illi kemm it-tarbija, kif ukoll l-intimata ilhom jghixu Malta minn Ottubru 2009, pero' fil-granet recenti, l-intimata bdiet thedded li ser tahrab minn Malta mal-minuri u bhala fatt, dawn l-ahhar jumejn, minkejja li hawn l-omm intimata

gewwa Malta, l-istess intimata u t-tarbija ghebu u sal-lum ghadhom ma jinstabux;

Illi sar-rapport lill-pulizija u l-istess pulizija bdew tfittxija intensiva kemma ghaliha kif ukoll ghall-minuri u poggew it-tarbija fuq il-“missing list”;

Illi l-intimata gja kellha precedent gewwa n-Norvegja meta kellha tarbija minn ragel iehor u din it-tarbija ittiehdet mill-awtoritajiet Norvegizi fil-kura taghhom minhabba l-instabbilita’ mentali tal-intimata;

Illi recentement, l-esponenti sar jaf illi l-intimata qieghda tiehu medicina preskritta mit-tobba minhabba li tbati minn borderline personality disorder u ghandha tendenzi suicidjali;

Illi l-esponenti intavola ukoll mandat ta’ impediment tas-safar ghall-minuri, pero’ l-intimata tista’ facilment tahrab minn Malta illegalment;

Illi l-esponenti marru ghand l-Appogg u sabu l-ghajnuna kollha, pero’ kemm l-omm kif ukoll il-minuri ma jistghux jinsabu f’Malta, pero’ hemm l-omm tal-intimata li qeghda “tghin il-pulizija” fl-investigazzjoni taghhom.

Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex jinghata l-kura u l-kustodja anke temporanja sabiex jigi salvagwardjat l-interessi tal-minuri u anke sabiex l-Appogg ikunu jistghu jaghmlu l-assessment taghhom, liema haga, l-intimata kienet topponi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D E, li in forza taghha, eccepiet:

Fl-ewwel lok, l-esponenti tixtieq iggib a konjizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti li kienet hija stess li, sabiex tikko-opera bl-aktar mod ampju mal-awtoritajiet, awtorizzat lill-avukat sottoskritt sabiex tmur u tinforma lir-Registru tal-Qorti tal-Familja li l-esponenti xtaqet, tramite l-avukat taghha, tigi nnotifikata minnufih bir-rikors odjern;

Illi huwa minnu li r-rikorrenti kellu relazzjoni mal-esponenti u huwa minnu ukoll li minn din ir-relazzjoni twieled F G E B fil-15 ta' Settembru 2009 fin-Norvegja (Dok. C1). Li nesa jghid ir-rikorrenti huwa, li din it-tarbija ghandha cittadinanza doppja, u cioe' dik Maltija kif ukoll dik Norvegiza (Dok. C2);

Illi l-esponenti tirrileva li A ghamel xhur jghix maghha n-Norvegja (tul it-tqala kollha u xi gimghat wara t-twelid) u l-intenzjoni taghhom ma kienet qatt li jigu hawn Malta sabiex jghixu hawn ghal dejjem, izda huma xtaqu jew jirritornaw lejn in-Norvegja jew jistabilixxu r-residenza taghhom gewwa l-Isvezja. L-esponenti tispjega li huma gew hawn Malta sabiex il-familja tar-rikorrenti tkun tista' tara u tqatta' ftit zmien mat-tarbija taghhom;

Illi l-esponenti tichad kategorikament li hija qatt kienet ser tahrab minn Malta bit-tarbija. Meta gew Malta, huma kienu jghixu flimkien f'appartament li kien qed jikri r-rikorrenti. Wara li l-partijiet kellhom argument, kien ir-rikorrent stess li telaq minn dan l-appartament b'rabja tant li sabbat ic-cwievet tal-appartament fuq il-mejda. Li huwa sorprendenti huwa l-fatt li wara li r-rikorrenti telaq huwa wara ftit sighat gie lura mal-pulizija mill-ghassa tal-Qawra. Naturalment ghall-ewwel, l-esponenti ma setghetx tifhem ghalfejn huwa dahhal il-pulizija fin-nofs, izda wara li r-rikorrenti, minghajr ebda raguni beda jghid lill-pulizija li qed jibza' li l-esponenti ser tahrab bit-tarbija kollox beda jaghmel sens ghal C;

Tajjeb li l-Qorti tifhem ghalfejn l-esponenti kellha titlaq mill-appartament u tmur gewwa St. Julian's Bay Hotel. Gara li omm l-esponenti (Ase E) waslet Malta il-lejl bejn il-25 u s-26 ta' Jannar u r-rikorrenti u r-ragel ta' ohtu (li inzerta pulizija) waqqfuha milli tidhol. Ghalhekk, l-esponenti u ommha ma kellhomx ghazla hlief iqattghu lejl gewwa St. Julian's Bay Hotel. L-esponenti qaghdet hemm sakemm hija stess bil-volonta' taghha marret kellmet lill-Appogg, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel;

Importanti li l-Qorti tkun taf li r-rikorrent ibati b'mood swings eccessivi anke minhabba x-xorb eccessiv tieghu.

Ir-rikorrenti kemm-il darba refa' idejh fuqha, sew meta kienu Malta kif ukoll fin-Norvegja – sahansitra waqt li C kienet tqila! Huwa vjolenti anke moralment u donnu jiehu gost ibezza' lill-esponenti. L-esponenti tispjega lil din il-Qorti li r-rikorrenti kien sahansitra wasal fl-estrem li jheddidha li jekk qatt tohlom li titilqu u tiehu lit-tarbija barra minn Malta, huwa ser jibghat tlett Arab jintraccawha, jistuprawha u jehilsu minnha.

Illi l-esponenti taghmel referenza ghan-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, li ma thalli l-ebda dubju li l-esponenti kko-operat b'mod shih maghhom u taghthom kull informazzjoni necessarja;

Tajjeb li din l-Onorabbli Qorti tkun taf li minkejja l-biza' kbira li ghandha l-esponenti mir-rikorrent, hija xorta wahda dejjem baqghet tikkomunika mieghu permezz ta' sms' u mms', u di piu' hija kwotidjanament infurmatu li F huwa f'siktu u f'kundizzjoni tajba. Ghalhekk l-esponenti ma tistax tifhem x'wassal lil A sabiex imur jaghmel 'missing persons report', ghajr li jpingiha ta' wahda mignuna!

Illi l-esponenti tichad kategorikament li hija a) tiehu xi prescription drugs ghal xi forma ta' borderline personality disorder u li b) qatt kellha xi tendenzi suicidjali. Jekk ir-rikorrent bi hsiebu jkompli jitfa' dan it-tip ta' tajn sabiex jattakka omm ibnu, ikun aktar ghaqli li jgib xi forma ta' prova. Fi kwalunkwe kaz, l-esponenti taghmilha cara li hija ma ssib l-ebda problema jekk din il-Qorti tappunta espert psikologiku sabiex jaghmel assessment tal-istat mentali taghha;

Jidher li l-persuna li qed tiehu xi pilloli huwa fil-fatt ir-rikorrenti stess. L-esponenti qed tannetti ittra (Dok. D) li kien kitbilha A ftit jiem ilu, fejn bl-ammissjoni tieghu huwa jghid "*I can't go on like this I know I am nervous and I am taking shitty pills so I be calm ...*". huwa jametti ukoll li kien vjolenti fizikament fil-konfront tal-esponenti tant li jghid "*I am sorry if I was violent but I went crazy ...*";

Kif diga' inghad aktar 'il fuq, l-esponenti stess, jiem qabel ma kellha konjizzjoni tar-rikors odjern u cioe' nhar it-Tlieta

26 ta’ Jannar, hija minn jeddha marret l-Agenzija Appogg fejn spjegat is-sitwazzjoni taghha lil certu Dorianne (tad-DVU). L-esponenti spjegatilhom kif hija kienet qed tibza’ li peress li hija barranija u peress li m’ghadx hemm digriet tal-Qorti dwar kura u kustodja, ir-rikorrenti jista’ jaqbad u jehodilha t-tifel mill-kura taghha u kif l-ebda pulizija ma jkun jista’ jordna lir-rikorrenti sabiex iroddilha lit-tarbija (li ghad ghandu biss erba’ [4] xhur) lura. Kien ghalhekk li, fuq parir tal-Appogg stess, hija tqeghed gewwa s-shelter ta’ Balzan;

Huwa minnu li l-esponenti ghandha tifel iehor in-Norvegja, liema tifel ghandu issa seba’ snin, li qieghed taht Foster Care. Izda, konvenjentament, ir-rikorrenti semma’ biss bizzejjed fuq dan il-kaz sabiex ipingi lill-esponenti f’dell ikrah. Ir-rikorrenti jaf hafna aktar dettal fuq dan il-kaz u jaf ukoll li l-esponenti ilha snin shah tiggieled mal-awtoritajiet Norvegizi sabiex dan it-tifel jinghata lura fil-kustodja taghha. Ir-rikorrenti ma semmiex li dan il-kaz ghadu sub gudice u lanqas ma semma’ li diversi esperti mahturin mill-Qorti tan-Norvegja ghamlu diversi rapporti favorevoli fuq l-esponenti fis-sens li hija omm tajba u li ma hemm l-ebda raguni ghalfejn it-tifel m’ghandux ghalfejn jintradd lura;

Illi l-esponenti ghandha hafna dokumenti li hija xtaqet tesebixxi flimkien ma’ din ir-risposta, izda sfortunatament, dawn kollha insterqu minn gewwa l-appartament taghha mir-rikorrent;

Illi l-esponenti tifhem li minkejja l-biza’ kbira li ghandha mir-rikorrent, dan xorta jibqa’ missier it-tarbija u ghalhekk huwa fl-interess tat-tarbija li huwa jkollu access ghall-istess tarbija. Fil-fatt, tramite tal-avukat sottoskritt, l-esponenti l-bierah offriet li sakemm jinghata digriet mill-Qorti, ir-rikorrent jista’ jara t-tarbija fil-bini tal-Agenzija Appogg, u f’kaz li din il-Qorti tiddikreta li l-esponenti jkollha kura u kustodja esklussiva tat-tarbija (anke tenedo kont tal-eta’ tenerissima tat-tarbija li sa ftit gimghat ilu kien ghadu qed iredda), huwa jkun jista’ jiehu t-tarbija ghal tliet sighat darbtejn fil-gimgha, per ezempju kull nhar ta’ Erbgha u kull nhar ta’ Hadd;

Wiehed irid jifhem ghalfejn l-esponenti ghandha biza’ kbira – hija mbezza’ li wara li ghamlilha r-rikorrent, jekk hija taccetta li tkun wahedha fil-prezenza tar-rikorrent, huwa jista’ jahtaf lit-tarbija u jiehdu minghajr ma jkun qed jaghmel xejn illegali – u dan peress li sal-gurnata tal-lum m’hemmx digriet pendente lite dwar kura u kustodja;

Illi l-esponenti, filwaqt li qed tirrizerva d-dritt li tintavola proceduri ulterjuri f’dan ir-rigward, tixtieq tissottometti li huwa assolutament fl-interess suprem tat-tarbija li r-residenza principali tieghu tkun dik ta’ ommu. F huwa tarbija ta’ erba’ xhur, li ghadu jqum anke darbtejn kuljum biex jixrob u li wara kollox mdorri dejjem m’ommu. L-esponenti m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jkun hemm rapport jew follow-ups ta’ social workers ecc f’dan ir-rigward, izda hija tissuplika lil dina l-Qorti sabiex thalli lil dan it-tarbija fil-kura esklussiva taghha;

Ghall-finijiet ta’ kjarezza, qed jigi ddikjarat li din ir-risposta giet trodotta ghall-esponenti mill-avukat sottoskritt mill-Malti ghall-Ingliz.

Ghaldaqstant, l-intimata titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tichad l-ewwel talba tar-rikorrent u dan stante li kif diga’ gie sottomess, il-kura u kustodja tat-tarbija (sew dik pendente lite) ghandha tkun dik tal-omm, salv access tar-rikorrent;

M’ghandha l-ebda oggezzjoni, kif qatt ma kellha, li l-Agenzija Appogg jaghmlu kwalunkwe assessment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tas-social worker Therese Micallef nominata ghal dan l-iskop minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-proceduri istitwiti mid-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali fil-konfront

ta' A B, decizi finalment mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu 2011.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti, f'dawn il-proceduri qed jitlob li jinghata l-kura u kustodja ta' ibnu minuri li twieled fin-Norvegja f'Settembru 2009 u li gie Malta mal-genituri meta kellu biss ftit gimghat. Meta r-relazzjoni ta' bejn il-genituri sfaxxat, inbdew proceduri fil-konfront tar-rikorrenti odjern ghal ritenzjoni llecita tal-minuri a tenur tal-Konvenzjoni tal-Ajja. Dawn il-proceduri gew decizi u t-talba tad-Direttur biex il-minuri jintbaghat lura n-Norvegja giet michuda mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu 2011.

Mill-provi kollha prodotti f'dawk il-proceduri, u li l-atti taghhom gew annessi mal-proceduri odjerni, kif ukoll mal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, iwasslu ghall-konvinzjoni tal-Qorti li l-genitur li huwa l-aktar idoneu li jrabbi l-minuri huwa l-missier.

Sabiex waslet ghal din il-konvinzjoni, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- Ir-rapport tas-social worker Theres Micallef.

- L-istat ta' sahha ferm prekarju tal-omm.

- Il-fatt li l-omm qatt ma uzufuwiet mid-dritt ta' access illi inghata lilha f'dawn il-proceduri, lanqas meta dan gie ordnat li jsir b'supervizjoni fil-bini tal-Appogg.

- Ir-rapporti tal-haddiema socjali Norvegizi li jikkonfermaw li l-istess omm diga' giet konsiderata inidonea biex trabbi wild iehor minn relazzjoni precedenti, anzi lanqas biss inghatat id-dritt li zzuru.

- Id-dikjarazzjoni tal-istess awtoritajiet Norvegizi li deheru li kienu ser jiehdu l-istess mizuri fil-konfront tal-minuri iben ir-rikorrenti.

- In-network familjari li jgawdi r-rikorrenti missier f'Malta.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F G E B tigi fdata esklussivament f'idejn missieru A B.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------